MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 876/2013

**Darren Decelis (karta ta' l-identita` numru 56388 (M)) u martu Natasha Decelis (karta ta' l-identita` numru 25481 (M)) ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Pauline Debono (karta ta' l-identita` numru 676160 (M)) u Mar-Pierre Estates Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-10 ta' Settembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi fl-20 ta' Marzu, 2012, l-intimata Debono rrendiet ezegwibbli kambjala bhala titolu ezekuttiv permezz t'ittra ufficjali tal-istess data notifikata lir-rikorrenti Darren Decelis *ai termini* tal-artikli 253 u 256 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2 Illi sussegwentement l-istess intimata iskriviet ipoteka generali numru 9937/2012 fir-Registru Pubbliku ghall-ammont ta' sebat elef Ewro, (€7,000.00), u ipoteka specjali addizzjonali bin-numru 7438/2013 ghall-isess ammont fuq il-fond internament enumerat 8, sitwat fit-tieni (2) sular, fi blokk t'appartamenti esternament minghajr numru u maghruf bhala "*Flamingo Court*", Triq Zaren Dalli, Birzebbugia;

1.3 Illi l-istess ipoteki gew registrati a bazi li l-intimata ddikjarat kreditu kontra r-rikorrenti u a bazi ta' kambjala fl-ammont ta' sebat elef Ewro, (€7,000.00), fuq gia` riferit;

1.4 Illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jezistu proceduri relatati ghall-kambjala fuq riferita, numru 158/2012 CSH fl-ismijiet "Mar-Pierre Estates vs Darren Decelis" liema proceduri ghadhom pendenti;

1.5 Illi nonostante l-istess pendenzi indikati fil-paragrafu precedenti, l-intimata Debono ipprocediet ghall-esekuzzjoni tat-titolu derivanti mill-imsemmija kambjala;

1.6 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti ghaliex m'ghandhiex:

1.6.1. Tissospendi l-esekuzzjoni tat-titolu ta' l-intimata Debono in vista tal-pendenza tal-proceduri rigwardanti l-istess meritu;

1.6.2. Tiddikjara li ma tezisti l-ebda bazi ghall-iskrizzjoni tal-imsemmija ipoteki, kemm dik generali, u dik specjali, fuq riferiti;

1.6.3. Tordna l-kancellament tal-istess ipoteki fuq riferiti;

1.6.4. Tinnomina nutar biex jidderiegi l-att ta' kancellament relattiv;

1.6.5. Tappunta gurnata, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess, flimkien ma kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

1.6.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati;

1.6.7. B'rizerva ghal kwalsiasi spejjez ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimati;

2.0 Rat ir-risposta guramentata datata d-9 t'Otttubru, 2013, li permezz taghha l-intimati sintetikament wiegbu s-segwenti:

2.1 Illi preliminarjament din il-qorti mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tal-procedura odjerna, u dan, *ai termini* tal-artiklu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2 Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghal premess it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-ittra ufficjali *de quo* hi irrita u nulla;

2.3 Illi wkoll bil-premessa indikata fil-paragrafu precedenti, it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-ittra ufficjali bhala titolu esekuttiv hi perenta stante li ghaddew aktar minn ghoxrin (20) jum minn notifika tal-istess ittra ufficjali li irrendiet il-kambjala titolu esekuttiv;

2.4 Illi m'hemm l-ebda raguni gravi u valida biex ir-rikorrenti jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjala *de quo*;

2.5 Illi m'hemm l-ebda konnessjoni bejn il-proceduri fl-ismijiet *Mar-Pierre Estates Limited* vs Darren Decelis riferita fir-rikors guramentat promotur u l-kambjala in kwistjoni;

2.6 Illi l-azzjoni odjerna hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kambjala in dizamina hi strument indipendenti minn kull relazzjoni ezistenti bejn ir-rikorrenti u *Mar-Pierre Estates Limited*;

2.7 Illi t-tieni (2) u tielet (3) talba tar-rikorrenti huma bla bazi ghaliex l-ipoteki involuti kienu iskritti skont il-ligi;

2.8 Illi s-socjeta` *Mar-Pierre Estates Limited* m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti;

2.9 Illi l-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti mhix parti fl-ittra ufficjali fuq riferita;

2.10 Illi ghar-ragunijiet indikati fiz-zewg (2) paragrafi precedenti, is-socjeta' intimata fuq indikata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2.11 Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti Natasha Decelis;

2.12 Illi konsegwentement, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat id-29 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni tal-eccezzjoni preliminari wara li kienet ordnat il-kapovolgiment tal-provi fir-rigward, (ara fol 22);

4. Rat il-verbal datat it-3 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti infurmat lill-qorti li kienet tezisti l-possibilita` ta' transazzjoni u ghalhekk talbet differiment biex tigi esplorata din il-possibilita`, (ara fol 23);

5. Rat il-verbal datat il-21 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu il-kawza kienet iddifferita ghat-trattazzjoni finali rigwardanti l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati;

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati stante li la r-rikorrenti u lanqas l-abbli rapprezentant legali taghhom ma dehru ghall-udjenza rizervata ghal dan l-iskop, u dan, minghajr ma intavolaw l-ebda raguni valida skont il-ligi ghal din l-assenza;

Ikkunsidrat:

9.0 Illi in vista tas-suespost din id-decizjoni hi limitata ghat-tlett (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati senjatament:

9.1 Illi l-qorti odjerna mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-procedura odjerna;

9.2 Illi s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-ittra ufficjali *de quo* hi irrita u nulla;

9.3 Illi l-istess talba ghas-sospensjoni hi preskritta stante li ghaddew aktar minn ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali in dizamina ghat-talba kontenuta fir-rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

10.0 **Rigward il-Kompetenza tal-Qorti odjerna:**

10.1 Illi *ai termini* tal-vertenza hawn in dizamina ta’ l-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jistabbilixxi perentorjament li l-qorti kompetenti biex tiddetermina tali vertenza f’kambjali hi determinata mill-valur involut fl-istess kambjala;

10.2 Illi f’dan ir-rigward l-ittra ufficjali in dizamina, dik datata l-20 ta’ Marzu, 2012, hi determinanti, (ara fol 4 u 16), u dan ghas-segwenti ragunijiet:

10.2.1.Illi in effetti hi pprezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), (ara fol 4 u 16);

10.2.2. Illi l-ammont involut hu ta' sebat elef Ewro, (€7,000.00);

10.3 Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-ittra ufficjali in dizmaina mhux biss giet espressament indirizzata mir-rikorrenti stess fil-Qorti tal-Magistrati kif indikata skont il-ligi, izda l-*quantum* involut, (sebat elef Ewro, (€7,000.00)), jaqa' wkoll fl-ambitu gurisdizzjonali tal-istess qorti, u dan, *ai termini* tal-artiklu 47 tal-istess Kap 12;

10.4 Illi ghalhekk, in vista tal-artiklu 253 (e) fuq ukoll gia` riferit, il-qorti kompetenti hi dik determinata mill-valur involut, senjatament is-sebat elef Ewro, (€7,000.00), imsemmija fil-kambjala *de quo* u fl-ittra ufficjali relattiva fuq riferita;

10.5 Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-qorti kompetenti involuta ma tirrizultax li hi dik odjerna izda il-Qorti tal-Magistrati (Malta) originarjament kolpita permezz tal-valur involut fuq indikat u permezz tar-registru relattiv fejn originarjament kienet konsegwentement indirizzata l-ittra ufficjali *de quo*;

10.6 Illi in vista tas-suespost, din il-qorti takkolji din l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati;

Ikkunsidrat:

11.0 **Rigward l-irritabilita` u nullita` sollevata mill-intimati:**

11.1 Illi fid-dawl tar-rizultanzi sollevati mill-kwistjoni tal-kompetenza *o meno* ta’ din il-qorti kif fuq postulat, kull dilungar ulterjuri ikun fierah, inutili u ripetittiv;

11.2 Illi ghaldaqstant, tenut tas-su espost fir-rigward tal-kompetenza kurjali naxxenti mill-valur riskontrat, din il-procedura tirrizulta wkoll irrita u nulla;

11.3 Illi in vista tal-istess din il-qorti takkolji wkoll it-tieni (2) eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

12.0 **Rigward il-preskrizzjoni in dizamina:**

12.1 Illi l-vertenza in dizamina hi rizolta bl-applikazzjoni tal-artiklu 166A (5) tal-Kap 12 tal-istess ligijiet fuq riferiti;

12.2 Illi fid-dawl tal-istess il-perjodu operattiv li fih ir-rikorrenti seta’ jagixxi legittimament biex jikkontrasta l-ittra ufficjali in dizamina jirrizulta li hu dak kif sollevat mill-intimati odjerni, senjatament dak t’ghoxrin (20) gurnata;

12.3 Illi f’dan ir-rigward l-ittra ufficjali in dizamina tirrizultaipprezentata fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta’ Marzu, 2012, (ara fol 4 u 16);

12.4 Illi din l-istess ittra ufficjali riferita fil-paragrafu precedenti tirrizulta li giet notifikata skont il-ligi fit-22 ta' Marzu, 2012, (ara fol 17);

12.5 Illi r-rikors guramentat promotur ipprezentat bl-iskop biex jopponi, jirrexxindi jew b'xi mod jindirizza n-nullita` tal-isess ittra ufficjali in dizamina jirrizulta li kien ipprezentat fl-10 ta' Settembru, 2013;

12.6 Illi paragunati d-dati in dizamina:

12.6.1. Dik tan-notifika: 22 ta' Marzu, 2012, (ara fol 17);

12.6.2. Dik tar-rikors guramentat *de quo* intiz biex jopponi l-istess ittra ufficjali: 10 ta' Setembru, 2013, (ara fol 1), ghandu jkun pacifiku li l-precett stabbilit fl-imsemmi artikolu 253 (e) tal-Kap 12 fuq riferit ma jirrizultax li gie osservat;

12.7 Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-qorti tqis li l-procedura odjerna giet ipprezentata abbundantement *fuori termine*, u konsegwentement takkolji wkoll it-tielet (3) eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

13.0 Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li:

13.1 Takkolji t-tlett (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati Pauline Debono u *Mar-Pierre Estates Limited*;

13.2 Tiddikjara ghalhekk li:

13.2.1. Din il-qorti mhix kompetenti biex tisma' l-procedura odjerna;

13.2.2. Din il-procedura kif sollevata mill-intimati hi wahda irrita u nulla;

13.2.3. Din il-procedura hi preskritta *a tenur* tal-artiklu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

13.3 Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Darren u Natasha konjugi Decelis.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------